# 4. IRRID NIEĦU SEHEM 301.




**1.**
D Bm Em A
Irrid nieħu sehem, sehem l-aktar ħaj
D G E A
Fit-talba ta' radd il-ħajr li Ibnek għamillek,
D G D G
X' ħin offra ġismu u demmu wkoll
D Em G A D
Fis-sagrifiċċju mdemmi tal-kalvarju.

**Rit.**
D Bm G D
O Missier Alla ħaj, irroddulek ħajr
G A/A7
Fit-talba ewkaristika ta' Ibnek
D Bm G D
Magħqudin ġewwa fih qed noffrulek il-ġieħ
Em G A D
Li tak fis-sagrifiċċju tal-Kalvarju.

**2.**
D Bm Em A
Irrid nieħu sehem, sehem l-aktar ħaj,
D G E A
Fit-talba ta' radd il-ħajr li Ibnek għamillek,
D G D G
X' ħin joffri lilna fil-ħobż u l-inbid
D Em G A D
Fis-sagrifiċċju mdemmi tal-Kalvarju.

**3.**
D Bm Em A
Irrid nieħu sehem, sehem l-aktar ħaj
D G E A
Fit-talba ta' radd il-ħajr li Ibnek għamillek,
D G D G
X' ħin noffru ħajjitna nissieħbu f' Ġesu'
D Em G A D
Fis-sagrifiċċju mdemmi tal-Kalvarju.

**Jgħid il-Kantant Raf:** "Il-kanzunetta tiegħi 'Oggi un Dio non ho' hija mera ta' riflessjonijiet fuq dak kollu li hu spiritwali. Għandi xewqa kbira li nsaħħaħ il-fidi tiegħi, irrid nemmen aktar. Imma għalkemm fil-qiegħ ta' qalbi nemmen f' Alla, ġieli jidħolli d-dubju minħabba xi esperjenzi li ngħaddi minnhom. Meta ktibt din il-kanzunetta, kont inħossni mweġġa'. Kont tlift il-fiduċja fl-akbar ħabib tiegħi u bħala reazzjoni estrema ta' din l-isfiduċja fin-nies ta' madwari, tfajt il-ħtija fuq Alla. Min jikteb kanzunetta fuq Alla, naħseb li jkun animat minn mitovazzjonijiet personali, profondi u sinċiera...Għalkemm ma mmurx ta' spiss il-Knisja, inħoss il-bżonn li ta' kuljum insib sapzju għaliH, sabiex miegħU naqsam il-ħsibijiet tiegħi u dak kollu li jien..."